**31 ta' Lulju, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Claudio Tonna

## Żball fl-Isem ta' l-Imputat – Stqarrija – Xiehda ta' l-Akkużat

*Sempliċi żball dattilografiku fl-isem ta' l-imputat ma jwassalx għan-nullità tal-proċeduri li jkunu saru quddiem il-Qorti Inferjuri.*

*Jekk l-imputat jagħżel li jixhed bil-ġurament u jikkontradiċi dak li jkun qal preċedentement bla ġurament fl-istqarrija lill-pulizija jispetta lill-ġudikant li jikkunsidra l-provi kollha u fid-diskrezzjoni kkonsiderata tiegħu jiddeċidi x'affidament jagħti lix-xiehda ta' l-imputat. Il-ġudikant jista' jasal għall-konklużjoni li nonostante l-ġurament il-verità tkun tinsab fl-istqarrija u mhux fix-xiehda.*

Il-Qorti: –

Rat l-akkużi dedotti kontra l-imsemmi Claudio Tonna talli fiż-Żurrieq, fl-4 ta' Novembru, 1984, u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer f'dawn l-aħħar sitt xhur qabel il-5 ta' Novembru, 1984:

(a) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kap. 161 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) Biegħ jew xort'oħra ttraffika l-pjanta cannabis kollha jew parti minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(e) tal-Kap. 161 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-eċċezzjoni ssollevata mid-difiża li l-atti huma nulli peress li ġie ppreżentat taħt arrest "Caludio Tonna" u mhux Claudio Tonna;

Rat is-sentenza preliminari tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta li biha dik il-Qorti ċaħdet l-istess eċċezzjoni u ordnat il-prosegwiment tal-kawża;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ulterjuri ta' l-istess Qorti tas-26 ta' Frar, 1987 li biha sabet lill-imputat ħati ta' l-akkużi miġjuba kontrih bl-assorbiment ta' l-ewwel akkuża (dik ta' pussess) fit-tieni (dik ta' traffikar) u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 9, ikkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600) pagabbli ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm25) fix-xahar u ordnat id-distruzzjoni tad-Dokument JM1 sa JM5 minn Dr. Anthony Abela Medici li ġie nnominat għal daqshekk u awtorizzatu jirtira l-istess dokumenti għal dan il-għan u inoltre ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' l-isem ta' l-imputat fil-gazzetti kollha u l-mezzi kollha tax-xandir a tenur ta' l-artikolu 527 tal-Kap. 9;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza tal-15 ta' Jannar,

1987 fejn ċaħdet l-eċċezzjoni tiegħu u minflok tilqa' l-istess u tiddikjara nulli l-proċeduri kollha li saru kontra l-imputat u tiddikjara preskritti l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u fi kwalunkwe każ tirrevoka s-sentenza tas-26 ta' Frar, 1987 u tilliberah minn kull ħtija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel parti ta' l-appell tirrigwarda s-sentenza preliminari tal-15 ta' Jannar, 1987;

Illi *fir-rigward ta' din il-parti ta'* l-appell l-aggravji ta' l-appellant huma dawn li ġejjin u ċjoè:

"(1) Dwar is-sentenza preliminari tal-15 ta' Jannar, 1987, il-Qorti meta kien hemm il-persuna arrestata indikata b'isem żbaljat peress illi flok l-isem Claudio kien miktub l-isem Caludio, il-Qorti qalet li dana kien *'misprint'* u *stante* li l-imputat talab il-libertà provviżorja u għamel rikorsi oħrajn bħala Claudio Tonna, *allura kien qiegħed jirrettifika dan l-iżball;*

(2) Illi *stante* illi fiżikament kien qed jitressaq Claudio Tonna ċertament biex jinħeles mill-arrest kellu jitlob il-libertà provviżorja skond l-isem tiegħu;

(3) Illi l-atti tal-kawża però ma jindikawx illi dik kienet effettivament il-persuna u lanqas intalbet apposita korrezzjoni;

L-esponenti jagħmel riferenza għall-kawża ta' estradizzjoni ta' ċertu Charles Brincat għall-ħabta ta' l-1972 fejn il-Qorti kienet ċaħdet it-talba tal-Qorti barranija peress illi l-isem ma kienx indikat korrettement;

(4) Illi l-Qorti għandha jkollha quddiemha l-provi u ċ-ċertifikat tat-twelid jiġi esebit għall-iskopijiet illi jipprova l-konnotati illi jaqblu ma' l-akkuża. Wara l-kliem: "Nippreżenta arrestat", il-persuna illi kien hemm indikata kienet żbaljata, u *stante* li ma hemmx korrezzjoni l-Qorti ma setgħetx tinjora dan il-fatt";

Ikkunsidrat:

Illi hu evidenti li hawn *si tratta* biss ta' żball fl-ittajpjar li taħt ebda ċirkostanza m'għandu jwassal biex jiġu annullati l-proċeduri kollha kif qed jippretendi l-appellant. Bejn dan il-każ u l-każ l-ieħor *in re* Proċeduri ta' estradizzjoni ta' Charles Brincat m'hemmx paragun għaliex fil-każ in diżamina apparti milli ma ġiet qatt messa in dubju l-identità tal-persuna imħarrka u misjuba ħatja anzi l-istess imputat ħa parti attiva fl-istess proċeduri, ma jistax jingħad li l-atti nbdew u spiċċaw fil-konfront ta' Caludio Tonna. Infatti jirriżulta li fl-istess dokument fejn eronejament tnizzel "Caludio" l-isem korrett Claudio jirrikorri bla dubju ta' xejn u anki s-sentenza ngħatat fil-konfront ta' Claudio Tonna. Din l-ewwel parti ta' l-appell għalhekk fil-fehma tal-Qorti hija infondata;

Il-kumplament ta' l-appell jirrigwarda l-mertu;

L-appellant fuq il-premessa li l-proċeduri kollha kienu ser jiġu ddikjarati nulli eċċepixxa l-preskrizzjoni;

*Hu ovvju li issa din l-eċċezzjoni ġiet sormontata u għalhekk* din il-Qorti qiegħda tiċħad l-istess eċċezzjoni;

Kwantu għall-provi s-sottomissjonijiet ta' l-imputat huma kif ġej u ċjoè:

"(1) Huwa fix-xiehda ġuramentata tiegħu kkontesta bl-akbar veraċità l-mod kif ittieħed l-*istatement* esebit u f'liema ċirkostanzi kien sar l-istess *statement;*

(2) Huwa kategorikament ċaħad l-allegati fatti u anke x-xiehda illi fuqhom il-Qorti qagħdet bħala korroborazzjoni, qalet hija stess illi ma kinux attendibbli;

(3) Illi l-proċessi jsiru fil-Qrati u fil-pubbliku u mhux fuq dak li wieħed ikun qal lill-Ispettur tal-Pulizija fl-*istatement* illi jkun għamel biex jew jiddefendi lilu nnifsu jew jaħseb li jeħles ħafif u jimplika lil ħaddieħor";

Ikkunsidrat:

Illi huwa veru li essenzjalment il-proċess kriminali huwa bbażat fuq ix-xiehda u provi oħra li jinġiebu quddiem il-Qorti kompetenti fi proċess kriminali u skond il-proċedura stabbilita. Huwa veru wkoll però li fost dawn il-provi hija ammessa wkoll kull konfessjoni li talvolta jkun għamel l-imputat qabel ma nbeda l-proċess kriminali. S'intendi jekk l-istess imputat jagħżel li jixhed bil-ġurament u jikkontradiċi dak li jkun qal preċedentement bla ġurament fl-*istatement* lill-Ispettur jispetta lill-ġudikant li jippależa l-provi kollha u fid-diskrezzjoni kkonsiderata tiegħu jiddeċidi x'affidament jagħti lix-xiehda ta' l-imputat. Però dak li jkun qal *fl-istatement* ma jistax jiġi kkunsidrat bħala sorpassat

sempliċement għax l-imputat ikun xehed l-oppost. Il-ġudikant fid-diskrezzjoni tiegħu jista' jasal għall-konklużjoni li *nonostante* l-ġurament, il-verità tkun tinsab fl-*istatement* u mhux fix-xiehda;

L-aggravju relattiv ta' l-appellant għalhekk huwa kkwalifikat minn dak li għadha kemm qalet din il-Qorti fir-rigward;

Dwar l-assjem tal-provi f'dal-każ din il-Qorti tikkondividi l-apprezzament li għamlet l-Ewwel Qorti bla eżitazzjoni ta' xejn;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell ta' l-imputat Claudio Tonna billi tiċħad l-istess u konsegwentement tikkonferma fil-konfront tiegħu s-sentenza appellata. Dwar it-talba biex tiġi applikata l-amnestija tad-29 ta' Jannar, 1987 u tad-29 ta' Mejju, 1987 din il-Qorti ma tarax kif din tista' tapplika għall-każ. Il-piena inflitta għandha fil-każ in diżamina tibqa' l-istess.